

REGOLAMENT (UE) 2016/95 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tal-20 ta' Jannar 2016

li jħassar ċerti atti fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 82(1), 83(1), 87(2) u 88(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz ta' att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja ⁽¹⁾,

Billi:

- (1) It-titjib fit-trasparenza tal-liġi tal-Unjoni huwa element essenzjali tal-istrateġija għal tfassil aħjar tal-liġijiet li qed jimplimentaw l-istituzzjonijiet tal-Unjoni. F'dak il-kuntest, huwa xieraq li dawk l-atti li ma għadx għandhom skop jitħassru.
- (2) Għadd ta' atti adottati fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali ma baqgħux applikabbli lill-kontenut tagħhom għe ttrattat f'atti suċċessivi.
- (3) L-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 96/610/ĠAI ⁽²⁾ ħolqot Direttorju ta' kompetenzi, hiliel u speċjalizzazzjoni kontra t-terroriżmu, sabiex tagħmilhom disponibbli f'firxa aktar wiesgħa u malajr lill-aġenziji fl-Istati Membri kollha. Dik l-Azzjoni Konġunta ma baqgħetx applikabbli wara d-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/371/ĠAI ⁽³⁾ li fdat lill-Europol bl-appoġġ u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni reċiproka bejn l-awtoritajiet ta' infurzar tal-liġi tal-Istati Membri fil-prevenzjoni tat-terroriżmu u l-ġlieda kontri u forom oħra ta' kriminalità serja, u tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI ⁽⁴⁾, li introduċiet qafas ġdid għall-kooperazzjoni transfruntiera dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu.
- (4) L-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 96/699/ĠAI ⁽⁵⁾ għażlet lill-Unità tad-Drogi tal-Europol bħala l-awtorità li lilha kellha tkun trazzmessa l-informazzjoni dwar l-ipprofilar kimiku mill-Istati Membri. Dik l-Azzjoni Konġunta ma baqgħetx applikabbli wara d-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni 2009/371/ĠAI.
- (5) L-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 96/747/ĠAI ⁽⁶⁾ kellha l-għan li ssaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri billi toħloq direttorju ta' oqsma ta' kompetenzi, kapaciċajiet u hiliel speċjalizzati. Dik l-Azzjoni Konġunta ma baqgħetx applikabbli wara d-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni 2009/371/ĠAI li tafda lill-Europol bil-kompitu li jiżviluppa għarfien speċjalizzat tal-proċeduri investigattivi tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u jipprovdi pariri dwar l-investigazzjonijiet.

⁽¹⁾ Il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Novembru 2015 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2015.

⁽²⁾ Azzjoni Konġunta 96/610/ĠAI tal-15 ta' Ottubru 1996 adottata mill-Kunsill fuq il-bażi tal-Artikolu K.3 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea dwar il-ħolqien u l-manutenzjoni ta' Direttorju ta' kompetenzi, kapaciċajiet u ħila speċjalizzati antiterroristiċi biex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni antiterroristika bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 273, 25.10.1996, p. 1).

⁽³⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/371/ĠAI tas-6 ta' April 2009 li tistabbilixxi l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol) (ĠU L 121, 15.5.2009, p. 37).

⁽⁴⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI tat-23 ta' Ġunju 2008 dwar it-titjib tal-kooperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali (ĠU L 210, 6.8.2008, p. 1).

⁽⁵⁾ Azzjoni Konġunta 96/699/ĠAI tad-29 ta' Novembru 1996 adottata mill-Kunsill fuq il-bażi tal-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, li tikkonċerna l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-profilar kimiku ta' droga biex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni mtejbja bejn l-Istati Membri fil-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu tad-droga (ĠU L 322, 12.12.1996, p. 5).

⁽⁶⁾ Azzjoni Konġunta 96/747/ĠAI tad-29 ta' Novembru 1996 adottata mill-Kunsill fuq il-bażi tal-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, li tikkonċerna l-kreazzjoni u l-manteniment ta' direttorju ta' kompetenzi, kapaciċajiet u hiliel speċjalizzati fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata internazzjonali, biex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni għall-infurzar tal-liġi bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 342, 31.12.1996, p. 2).

- (6) Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 96/750/ĠAI⁽¹⁾ kellha l-għan li ssaħħaħ il-kooperazzjoni tal-awtoritajiet rilevanti tal-Istati Membri fil-għieda kontra d-dipendenza fuq id-droga u li tappella lill-Istati Membri biex jiġu approssimati l-liġijiet tagħhom biex ikunu kompatibbli b'mod reċiproku sal-livell meħtieġ biex ikun prevenut u miġġieled it-traffikar tad-droga fl-Unjoni. Dik l-Azzjoni Konġunta ma baqgetx applikabbli wara d-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni dwar Assistenza Reċiproka f'Materji Kriminali bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea stabbilita mill-Att tal-Kunsill 2000/C-197/01⁽²⁾ u tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2004/757/ĠAI⁽³⁾.
- (7) L-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 97/339/ĠAI⁽⁴⁾ ippermettiet il-kooperazzjoni u stabbiliet l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri rigward avvenimenti fuq skala kbira li għalihom jattendu għadd kbir ta' nies minn iktar minn Stat Membru wieħed sabiex jitħarsu l-liġi u l-ordni, ikunu protetti n-nies u l-proprjetà tagħhom u jkunu prevenuti reati kriminali. Dik l-Azzjoni Konġunta ma baqgetx applikabbli wara d-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2008/615/ĠAI, 2002/348/ĠAI⁽⁵⁾ u 2007/412/ĠAI⁽⁶⁾, li jipprovdu regoli ġodda dwar l-iskambju ta' data mhux personali u dik personali u forum oħra ta' kooperazzjoni għaż-żamma tal-ordni pubbliku u s-sigurtà għal avvenimenti ewlenin.
- (8) L-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 97/372/ĠAI⁽⁷⁾ kellha l-għan li żżid l-iskambju tal-informazzjoni u tal-intelligence fost l-awtoritajiet doganali u awtoritajiet oħra tal-infurzar tal-liġi partikolarment fir-rigward tad-drogi. Dik l-Azzjoni Konġunta ma baqgetx applikabbli wara d-dħul fis-seħħ tal-Att tal-Kunsill 98/C-24/01⁽⁸⁾ li jfassal il-Konvenzjoni dwar l-Assistenza u l-Koperazzjoni Reċiproka bejn l-Amministrazzjonijiet tad-Dwana li introduċiet regoli dettaljati dwar assistenza u kooperazzjoni reċiproka bejn l-Istati Membri għall-prevenzjoni u d-detezzjoni ta' ksur ta' dispożizzjonijiet doganali nazzjonali, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/917/ĠAI⁽⁹⁾ li żiedet l-effikaċja tal-proċeduri ta' kooperazzjoni u kontroll tal-awtoritajiet doganali billi jiġu stabbiliti sistemi ta' informazzjoni doganali (Customs Information System, u tad-Deċiżjoni 2009/371/ĠAI, li tafda lill-Europol b'kompiti bil-għan li tiġi appoġġata l-kooperazzjoni doganali.
- (9) Il-Konvenzjoni tas-17 ta' Ġunju 1998 dwar Skwalifiki tas-Sewqan, kif imfassla bl-Att tal-Kunsill 98/C-216/01⁽¹⁰⁾, ġiet ratifikata minn seba' Stati Membri biss u qatt ma daħlet fis-seħħ. Barra minn hekk, fost daww is-seba' Stati Membri, l-Irlanda u r-Renju Unit biss għamlu dikjarazzjoni f'konformità mal-Artikolu 15(4) ta' dik il-Konvenzjoni li ppermettiet li l-Konvenzjoni tiġi applikata bejniethom qabel id-dħul fis-seħħ tagħha fl-Istati Membri kollha. Madankollu, wara n-notifika mir-Renju Unit fl-24 ta' Lulju 2013 f'konformità mal-ewwel sentenza tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 10(4) tal-Protokoll Nru 36 dwar dispożizzjonijiet transitorji, dak l-Att tal-Kunsill u dik il-Konvenzjoni waqqfu milli japplikaw għar-Renju Unit mill-1 ta' Diċembru 2014, skont it-tieni sentenza tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 10(4) ta' dak il-Protokoll. Billi daww l-istrumenti ma għadhom applikabbli bejn l-ebda Stat Membru, tilfu r-rilevanza tagħhom fl-*acquis* tal-Unjoni u għandhom jitħassru.
-
- (¹) Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 96/750/ĠAI tas-17 ta' Diċembru 1996, adottata mill-Kunsill fuq il-bażi tal-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, li tikkonċerna l-approssimazzjoni tal-liġijiet u l-prattiki tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea għall-għieda kontra d-dipendenza fuq id-droga u għall-prevenzjoni u l-għieda kontra t-traffikar illegali ta' drogi (ĠU L 342, 31.12.1996, p. 6).
- (²) Att tal-Kunsill 2000/C-197/01 tad-29 ta' Mejju 2000 li jistabilixxi skont Artikolu 34 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea l-Konvenzjoni dwar l-Assistenza f'Materji Kriminali bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (ĠU C 197, 12.7.2000, p. 1).
- (³) Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2004/757/ĠAI tal-25 ta' Ottubru 2004 li tistabbilixxi d-dispożizzjonijiet minimi dwar l-elementi kostitwenti ta' atti kriminali u ta' pieni fil-qasam tat-traffikar illeċitu ta' drogi (ĠU L 335, 11.11.2004, p. 8).
- (⁴) Azzjoni Konġunta 97/339/ĠAI tas-26 ta' Mejju 1997 adottata mill-Kunsill abbażi tal-Artikolu K3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea dwar koperazzjoni fuq iż-żamma tal-ordni u s-sigurtà (ĠU L 147, 5.6.1997, p. 1).
- (⁵) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/348/ĠAI tal-25 ta' April 2002 dwar sigurtà b'konnessjoni ma' logħbiet tal-futbol b'dimensjoni internazzjonali (ĠU L 121, 8.5.2002, p. 1).
- (⁶) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/412/ĠAI tal-12 ta' Ġunju 2007 li temenda d-Deċiżjoni 2002/348/ĠAI dwar is-sigurtà b'konnessjoni ma' logħbiet tal-futbol b'dimensjoni internazzjonali (ĠU L 155, 15.6.2007, p. 76).
- (⁷) Azzjoni Konġunta 97/372/ĠAI tad-9 ta' Ġunju 1997 adottata mill-Kunsill fuq il-bażi tal-Artikolu K.3 tat-Trattat fuq l-Unjoni Ewropea, sabiex jiġu rfinati l-kriterji għall-kontrolli mmirati, il-metodi ta' selezzjoni, eċċ., u l-għbir ta' informazzjoni doganali u tal-pulizija (ĠU L 159, 17.6.1997, p. 1).
- (⁸) Att tal-Kunsill 98/C-24/01 tat-18 ta' Diċembru 1997 li jfassal, fuq il-bażi tal-Artikolu K3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, il-Konvenzjoni dwar l-assistenza u l-koperazzjoni reċiproka bejn l-amministrazzjonijiet tad-awana (ĠU C 24, 23.1.1998, p. 1).
- (⁹) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/917/ĠAI tat-30 ta' Novembru 2009 dwar l-użu tat-teknoloġija tal-informatika għall-finijiet doganali (ĠU L 323, 10.12.2009, p. 20).
- (¹⁰) Att tal-Kunsill 98/C-216/01 tas-17 ta' Ġunju 1998 li jħejji l-Konvenzjoni dwar l-Iskwalifiki tas-Sewqan (ĠU C 216, 10.7.1998, p. 1).

- (10) L-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 98/427/ĠAI⁽¹⁾ stabbiliet sistema ta' skambju ta' prattika tajba fost l-Istati Membri biex jiġu eżegwiti talbiet għal assistenza legali fi kwistjonijiet kriminali. Dik l-Azzjoni Konġunta ma baqgħetx applikabbli. Hija tilfet r-rilevanza tagħha wara d-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni dwar l-Assistenza Reċiproka fi Kwistjonijiet Kriminali bejn l-Istati Membri.
- (11) Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/978/ĠAI⁽²⁾ dwar il-Mandat Ewropew għall-Provi (EEW) ġiet sostitwita bid-Direttiva 2014/41/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽³⁾ dwar l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea (OIE) minħabba li l-kamp ta' applikazzjoni tal-EEW kien limitat wisq. Billi l-OIE ser tapplika bejn 26 Stat Membru u l-EEW ser jibqa' applikabbli biss bejn iż-żewġ Stati Membri li ma jipparteċipawx fl-OIE, l-EEW għaldaqstant tilef l-utilità tiegħu bħala strument ta' kooperazzjoni f'materji kriminali u għandu jitħassar.
- (12) Għal raġunijiet ta' ċertezza legali u ċarezza, dawk l-Azzjonijiet Konġunti li ma baqgħux applikabbli, dik il-Konvenzjoni, dak l-Att tal-Kunsill u dik id-Deċiżjoni Qafas għandhom jitħassru.
- (13) Għalkemm l-Artikolu 83(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi l-adozzjoni ta' direttivi, l-għażla ta' regolament bħala strument għat-tħassir tal-Azzjoni Konġunta 96/750/ĠAI u d-Deċiżjoni Qafas 2008/978/ĠAI hija xierqa minħabba li dan ir-Regolament ma jistabbilixxi regoli minimi li jikkonċernaw id-definizzjoni ta' reati kriminali u sanzjonijiet, iżda qiegħed biss iħassar atti li ma baqgħux applikabbli, mingħajr ma jissostitwihom b'oħrajn ġodda.
- (14) Minħabba li l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri t-tħassir ta' għadd ta' atti tal-Unjoni li ma għadhomx applikabbli fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jista' jinkiseb aktar fil-livell ta' Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dan l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju biex jinkiseb dak l-għan.
- (15) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness għat-TUE u għat-TFUE, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.
- (16) F'konformità mal-Artikolu 3 u l-Artikolu 4a(1) tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u tal-Irlanda fir-rigward taż-żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness għat-TUE u għat-TFUE, l-Irlanda nnotifikat ix-xewqa tagħha li tipparteċipa fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.
- (17) Wara n-notifika li saret mir-Renju Unit fl-24 ta' Lulju 2013 f'konformità mal-ewwel sentenza tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 10(4), tal-Protokoll Nru 36 dwar dispożizzjonijiet transitorji, l-Azzjonijiet Konġunti 96/610/ĠAI, 96/699/ĠAI, 96/747/ĠAI, 96/750/ĠAI, 97/339/ĠAI, 97/372/ĠAI u 98/427/ĠAI, u l-Att tal-Kunsill 98/C-216/01 waqfu milli japplikaw għar-Renju Unit mill-1 ta' Diċembru 2014, skont it-tieni sentenza tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 10(4) ta' dak il-Protokoll. Għaldaqstant ir-Renju Unit mhuwiex jieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament fir-rigward ta' dawk l-atti legali u mhuwiex marbut bih jew soġġett għall-applikazzjoni tiegħu. Madankollu, skont it-tielet sentenza tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 10(4) ta' dak il-Protokoll, id-Deċiżjoni Qafas 2008/978/ĠAI baqgħet applikabbli fir-Renju Unit kif sostitwita bid-Direttiva 2014/41/UE. Għalhekk, skont l-Artikolu 3 u l-Artikolu 4a(1) tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja anness għat-TUE u għat-TFUE, ir-Renju Unit innotifika x-xewqa tiegħu li jieħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Tħassir ta' atti li ma għadhomx applikabbli

L-atti li ġejjin huma mħassra:

— Azzjoni Konġunta 96/610/ĠAI (direttorju ta' kompetenzi kontra t-terroriżmu),

⁽¹⁾ Azzjoni Konġunta 98/427/ĠAI tad-29 ta' Ġunju 1998 adottata mill-Kunsill fuq il-bażi tal-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar prattika tajba f'assistenza legali reċiproka fi kwistjonijiet kriminali (ĠU L 191, 7.7.1998, p. 1).

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/978/ĠAI tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar il-Mandat Ewropew għall-Provi sabiex jinkisbu oġġetti, dokumenti u data għall-użu fi proċedimenti f'materji kriminali (ĠU L 350, 30.12.2008, p. 72).

⁽³⁾ Id-Direttiva 2014/41/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropew f'materji kriminali (ĠU L 130, 1.5.2014, p. 1).

- Azzjoni Konġunta 96/699/ĠAI (profilar kimiku tad-drogi),
- Azzjoni Konġunta 96/747/ĠAI (direttorju ta' kompetenzi dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata),
- Azzjoni Konġunta 96/750/ĠAI (il-ġlieda kontra d-dipendenza fuq id-droga u t-traffikar tagħha),
- Azzjoni Konġunta 97/339/ĠAI (kooperazzjoni fiż-żamma tal-ordni u s-sigurtà),
- Azzjoni Konġunta 97/372/ĠAI (il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet doganali),
- Att tal-Kunsill 98/C-216/01 u l-Konvenzjoni tas-17 ta' Ġunju 1998 (skwalifiki tas-sewqan),
- Azzjoni Konġunta 98/427/ĠAI (prattika tajba f'assistenza legali reċiproka f'materji kriminali), u
- Deċiżjoni Qafas 2008/978/ĠAI (Mandat Ewropew għal Provi).

Artikolu 2

Dispożizzjoni transitorja

Kwalunkwe mandat Ewropew għal provi eżegwit taħt id-Deċiżjoni Qafas 2008/978/ĠAI għandu jkompli jiġi rregolat minn dik id-Deċiżjoni Qafas sakemm il-proċeduri kriminali rilevanti jkunu ġew konklużi b'deċiżjoni definittiva.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri f'konformità mat-Trattati.

Magħmul fi Strasburgu, l-20 ta' Jannar 2016.

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

M. SCHULZ

Għall-Kunsill

Il-President

A.G. KOENDERS
